


# L-Istatwa tad-Duluri – Mitt sena f'Birżebbuġa

*Artiklu min fuq http://sanpietru.webs.com*



**Introduzzjoni**

Il-festi f'Birżebbuġa għandhom għeruq fondi aktar milli naħsbu. F'idejna għandna dokumenti li juri li d-diversi kappellel li hawn fil-madwar ta' Birżebbuġa kienu jsirulhom il-festi tagħhom. Fost dawn insibu l-kappella ta' San Ġorġ Megalomartri, il-Kunċizzjoni ta' Bengħisa, San Ġużepp fil-Bajja s-Sabiħa, Madonna Għajnuna tal-Insara fil-Bajja s-Sabiħa, il-kappella tas-Sagra Famiglia f'Żurrieq Road, u l-kappella ta' Sant'Anġlu Matri li llum sfortunatament m'għadhiex teżisti.

Ġo dawn il-kappellel partikolarment dik tas-Sagra Famiglia li nfetħet għall-pubbliku f'Settembru tal-1865, kienu jsiru wkoll diversi attivitajiet oħra ta' xeħta reliġjuża. Nafu li fiha, f'Marzu tal-1893 inżammet il-Via Matris u kien hawn li l-Kanonku Dun Spir Penza irregala lil dan il-poplu tila bix-xbieha tad-Duluri. Dun Spir Penza minn Bormla kellu jkun strumentali biex Birżebbuġa ssir parroċċa. Iżda mal-bidu tas-seklu għoxrin, il-kappella tas-Sagra Famiglia saret wisq żgħira biex takkomoda n-nies ta' Birżebbuġa. Għalhekk Dun Spir Penza beda jħabrek biex jibni kappella akbar għall-bżonnijiet tan-nies.

Hekk għamel u wara li ħa l-permessi meħtieġa mill-Kurja fl-14 ta' Awwissu tal-1907 fetaħ il-kappella tad-Duluri u l-istess tila li kien irregala snin qabel sabet ruħha bħala t-Titular ta' din il-kappella. Tajjeb wieħed igħid li din il-kappella ħarġet minn 3 remissi li nxtraw u ma kinitx inbniet apposta bħala knisja mill-bidu. Biss għall-ħabta ta' tmiem is-sena 1909 u l-bidu tas-sena 1910 lil din il-kappella nbnitilha faċċata maestuża u sabiħa.

**Il-Festa Titulari tad-Duluri f'Birżebbuġa**

Maż-żmien il-kappella tad-Duluri saret l-aktar waħda popolari f'Birżebbuġa. Dokumenti storiċi juru li fis-sena 1909, il-festa tad-Duluri kienet bdiet bi tridu li kien immexxi minn Mons. Kan. Francesco Marmarà. F'Jum il-festa, l-quddiesa kantata kienet taħt it-tmexxija tal-Kanonku Dun Achille Refalo, li kif ser naraw 'il quddiem, għall-festa tas-sena ta' wara, jiġifieri tas-sena 1910 jkun irregala l-vara sabiħa tad-Duluri li għad għandna fil-parroċċa tagħna. Dakinhar il-Kanonku Refalo kien mgħejjun minn Dun Gius. Farrugia miż-Żurrieq u Dun Giovanni Saliba, it-tnejn li huma kuġini tal-Bormliż il-Kanonku Dun Spiridione Penza, il-persuna li stinkat biex tibni l-knisja tad-Duluri u biex aktar 'il quddiem Birżebbuġa ssir parroċċa. Għall-festa ta' dik is-sena, l-mużika sagra kienet taħt id-direzzjoni ta' Salv. Buttiġieġ minn Bormla.

Fis-17 ta' Awwissu tal-1910 il-Kanonku Achille Refalo minn Bormla irregala statwa tal-Madonna tad-Duluri, il-ġmiel tagħha li ħafna studjużi jsostnu li din ħarġet mill-Bottega tal-iskultur famuż Karlu Dermanin. Minkejja dan il-fatt għandna f'idejna provi li juru li l-festa tad-Duluri kienet ilha ssir qabel ma ġiet irregalata din l-istatwa. Naturalment meta waslet il-vara sabiħa l-festa bdiet issir b'pompa akbar. Jingħad li l-purċissjoni kienet toħroġ mill-knisja tad-Duluri u titla' Triq id-Duluri, Triq San Mikiel, Triq Santa Katerina, għal Triq Santa Marija mnejn

taqsam il-Bajja ta' San Ġorġ għal Triq Birżebbuġa biex imbagħad tgħaddi minn fejn illum hemm il-Knisja Parrokkjali ta' San Pietru li dak iż-żmien kien kollu għelieqi u tibqa' sejra tul Żurrieq Road, tinżel New Street (illum Triq il-Professur Anton Tabone), tgħaddi mix-xatt li dak iż-żmien kienet Strada Marina u wara li titla' minn Triq id-Duluri terġa' tidħol fil-knisja tagħha.



Peress li din is-sezzjoni tolqot il-festi interni, tajjeb li ngħidu li l-festa tad-Duluri fuq ġewwa kienet issir bl-akbar pompa, tant li kienu jiġu mistiedna l-aqwa predikaturi ta' dak iż-żmien u bħala mużika, skond dokumenti li għandna f'idejna kienet tiġi mistiedna l-orkestra San Andrea ta' Ħal Luqa (illum Banda Sant'Andrija Ħal-Luqa) peress li milli jidher dak iż-żmien din l-Għaqda ma kinitx banda kif nafuha llum imma orkestra li kienet iddoqq fil-knisja. Din il-festa kienet issir it-tielet Ħadd ta' Settembru jew Ħadd fuq il-15 ta' Settembru. Interessanti ngħidulkom ukoll li ħafna mill-villeġġanti kienu jinżlu joqogħdu Birżebbuġa għall-ewwel ġimgħa ta' Lulju biex jilħqu l-festa tal-Qalb ta' Ġesù li kienet tkun organizzata b'pompa u devozzjoni kbira u jibqgħu f'Birżebbuġa sakemm tgħaddi l-festa tad-Duluri f'Settembru.

Birżebbuġa saret parroċċa fid-9 ta' Settembru tal-1913 u l-festa tad-Duluri baqgħet issir sa Settembru tas-sena 1936 u dan għaliex bil-bini tal-knisja l-ġdida tbiddel it-titular tal-parroċċa għal dak ta' San Pietru fil-Ktajjen fuq xewqa tal-Isqof Mauro Caruana. Mit-twaqqif tal-parroċċa fl-1913 sal-1936 il-festa tad-Duluri kienet saret 23 darba għalkemm kif għidna diġa', il-festa tad-Duluri kienet ilha ssir minn ħafna qabel ma Birżebbuġa saret parroċċa.

### Purċissjonijiet bil-Vara tad-Duluri wara l-Bdil tat-Titular




Għalkemm uffiċjalment il-parroċċa ta' Birżebbuġa bidlet it-Titular tagħha fis-sena 1936, għal xi snin il-purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri xorta baqgħet toħroġ kull 15 ta' Settembru. Ħasra li din il-purċissjoni, bħas-soltu ġie deċiż li tinqata'. Fis-sena 1988, meta kienu qed isiru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-75 sena parroċċa, il-purċissjoni tad-Duluri ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira li seħħet sewwasew nhar il-25 ta' Marzu 1988 (Jum il-Lunzjata wkoll!), dakinhar il-proċessjoni devota tad-Duluri ħarġet mill-parroċċa l-qadima fejn ħafna anzjani ġeddew il-memorji tagħha u tat l-opportunità liż-żgħażagħ u lit-tfal ta' dak iż-żmien jifhmu kif bejn wieħed u ieħor kienet issir il-festa f'dawk iż-żminijiet imbiegħda.

Fis-sena 1997, fuq inizzjattiva ta' Rożina Gauci minn tad-Dubbu din il-vara ġiet restawrata u ndurata mill-ġdid mid-ditta Darmanin tal-Belt Valletta u għalkemm bħas-soltu l-intoppi ma naqsux, il-vara ġiet lura fil-ħin għall-purċissjoni tad-Duluri ta' dik is-sena stess. Ta' min wieħed forsi jagħmel ħsieb, leġittimament, biex issa li qrobna lejn iċ-ċentinarju tal-parroċċa, jagħmel ħsieb biex terġa' ssir purċissjoni mill-parroċċa l-qadima, jew inkella forma ta' pellegrinaġġ fil-ġurnata tal-15 ta' Settembru mill-knisja parrokkjali.

**Referenzi:**

Balzia, M. (2009). "Is-Sena tal-Mulej 1909". Leħen il-Parroċċa San Pietru Fil-Ktajjen, Nru. 186. Veritas Press, Ħaż-Żabbar, Malta.

D'Amato, C. (2007). Nofs Seklu ta' Mixja Mużikali. Print-Right Ltd., Marsa, Malta.

D'Amato, C. (2009). L-Istorja tal-vara ta' San Pietru f'Birżebbuġa. Veritas Press, Ħaż-Żabbar, Malta.

Grima, A. (1998). "Id-Devozzjoni Lejn id-Duluri f'Birżebbuġa". MQI, Numru 9. Duraprint Ltd., Birżebbuġa, Malta.